MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2013

Numru 63/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**CHARLES SPITERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Charles Spiteri ta’ 48 sena, iben Carmel u Rose nee’ Delia, imwieled Pieta’ nhar l-10 ta’ Frar 1964, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 2074M u residenti gewwa Fl7, Binja K, Ent A, Housing Estate, Zabbar;

Gie akkuzat talli:

Fit-18 ta' Ottubru 2012 ghal habta tas-13:30hrs minn gewwa r-residenza Sardinell, Triq is-Seneskalk, Naxxar ikkommetta serq ta' apparat tad-diving, ikkwalifikat bil-lok u l-valur, liema ammont ma jaccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Francis John Muscat u/jew persuna/i ohra.

Ukoll talli matul ix-xhar ta' Ottubru 2012 xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, li il-valur taghhom ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti,

Akkuzat ukoll talli fl-4 ta' Novembru 2012, u/jew fil-jiem u/jew gimghat ta' qabel u/jew ta' wara din l-istess data, f'dawn il-Gzejjer, meta l-indirizz fuq il-karta ta' l-identita' ta' l-imputat ma baqax iktar validu jew, xort'ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, huwa naqas milli jirrapporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqas milli jikkonsenja l-istess karta ta' l-identita' mhux korretta lil, u li jaghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal;

Ukoll talli irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab esebit bhala Dok PC8 u nnutat li l-imputat Charles Spiteri m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat Charles Spiteri wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricetazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Charles Spiteri bl-aktar mod solenni rigward il-kosegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricetazzjoni.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricetazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talbet li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li l-imputat ghandu problema serja ta' abbuz mid-droga u konsegwentement l-istess Ufficjal Prosekutur umilment issuggerit li l-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-fini li jkun assistit jgheleb din il-problema.

Rat l-artikoli 17, 31, 261 (c) u (e), 267, 269, 279 (a), 280 (1), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 u l-artikolu 9 tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Charles Spiteri fuq ammisjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricetazzjoni, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Charles Spiteri taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex ikun assistit jgheleb il-problema serja ta' abbuz mid-droga.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur kif riportat aktar qabel f'din is-

Sentenza il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Charles Spiteri.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Charles Spiteri kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Charles Spiteri l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------